MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Numru 796/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**

v

**JEAN CLAUDE CASSAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JEAN-CLAUDE CASSAR** bin Carmel u Victoria nee Cilia, imwieled San Giljan fit-tnejn ta' Novembru, 1974 u joqghod Flat 1, Beverly Flats, Triq ic-Caghaq, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita` numru 528374M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fit-tnax ta' Settembru, 2003, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu, f'Bugibba:

1. Irrenda ruhu komplici f'reat ta' serq ta' diversi oggetti, fosthom flus kontanti, telefon cellulari tal-

marka Nokia 8210 u gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Shara Lee, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-hin.

2. Xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, ndahal biex ibieghhom jew imexxijhom.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tittratta ma Jean Calude Cassar talli huwa recediv b'diversi sentenzi definittivi tal-Qrati Maltin datati tnejn ta' Settembru, 1992; sbatax ta' Marzu, 1993; dsatax ta' Frar, 1997; erbgha u ghoxrin ta' Ottubru, 1997; sitta ta' Marzu, 1998 u sittax ta' Marzu, 2001, liema sentenzi ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sitta u ghoxrin ta' Settembru, 2003 esebit fl-atti nhar is-sitta u ghoxrin ta' Settembru, 2003 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat ighid waqt l-esami li sarlu mill-Qorti nhar is-sitta u ghoxrin ta' Settembru, 2003 li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod volontarju.

Ikkunsidrat:

Illi principalment il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat kien komplici ma certu Jonathan Zammit fis-serq ta' diversi oggetti fosthom mobile phone u gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Shara Lee, u f'kaz li l-Qorti ma issibux hati tar-reat principali ta' serq ghandha issibu hati tar-reat alternattiv ta' ricettazzjoni tal-istess oggetti.

Illi d-Difiza qed issostni li din il-Qorti ma tistax issib lil-imputat hati peress illi mill-provi prodotti l-akkuza ta' serq

ma tistax tirrizulta u dan ghaliex l-vittma gharfet l-aggressur taghha li ma kienx l-imputat u dwar ir-reat ta' ricettazzjoni l-unika prova li hemm hija x-xhieda tal-komplici Jonathan Zammit li mhiex korraborata minn cirkostanzi ohra u ghalhekk mhux ammissibbli.

Illi ghalhekk il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-partijiet.

Illi m'hemmx dubju li l-qofol tal-kaz in esami hija d-deposizzjoni tax-xhieda ta' Shara Lee li hija l-allegata vittma u Jonathan Zammit li huwa x-xhud principali tal-Prosekuzzjoni li rrizulta manifestament li huwa kien komplici fir-reati imsemmija fl-akkuzi u ghalhekk f'dan l-kaz japplika l-artikolu 639 (3) tal-Kap 9.

Illi **Shara Lee xehdet** nhar is-sitta u ghoxrin ta' Settembru, 2003 u qalet illi hija sfat vittma tar-reat ta' serq nhar it-tnax ta' Settembru, 2003 waqt li kienet ghaddejja minn Island Promenade, Bugibba sejra lejn l-Oracle Casino ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu. Hija spjegat kif l-aggressur taghha li gharfet u identifikat lill-Qorti bhala Jonathan Zammit kien qabez fuqha minn wara u serqilha il-gizirana tad-deheb li kellha fuq il-persuna taghha. Mistoqsija jekk tafx lill-imputat hija wiegbet fl-affermattiv u eskludiet li kien hu li aggrediha. Hija wiegbet b'mod kategoriku li kelha aggressur wiehed li identifikat bhala Jonathan Zammit b'certezza.

Mistoqsija jekk ratx l-aggressur taghha jidhol f'karozza jew imur fil-kumpanija jew vicinanza ta' persni ohra hija wiegbet "I do not know". Hija qalet li dak in-nhar tal-incident hija rat lill-imputat li kienet taf minn vaganza precedenti Malta, jghaddi bil-vettura tieghu minn hdejha b'karozza vjola.

**L-Ispettur Joseph Mercieca xehed** u kkonferma dak li qalet Shara Lee il-Qorti, salv li zied jghid li Jonathan Zammit ammetta mieghu l-involviment tieghu fir-reati in kwistjoni u l-ewwel cahad li l-imputat kien involut f'dan ir-reat waqt li wara qallu li kien qasam ir-res furtiva mieghu.

L-Ufficcjal Prosekutur baghat ghall-imputat dakinhar stess tat-tnax ta’ Settembru, 2003 u l-imputat cahad li kellu x’jaqsam mal-kaz in esami anzi zied ighid li lil Jonathan Zammit ma kienx jafu.

L-imputat rega gie arrestat nhar il-hamsa u ghoxrin ta’ Settembru, 2003 fejn irrilaxxja it-tieni stqarrija esebita fl-atti u mmarkata bhala dokument JM 1.  F’din l-istqarrija l-imputat jerga jinnega il-partecipazzjoni tieghu f’dan ir-reat bid-differenza li qal li lil Jonathan Zammit jafu u li dak in-nhar tat-tnax ta’ Settembru, 2003 ghall-habta ta’ wara nofs il-lejl, tah lift id-dar u li f’idu kellu gizirana tad-deheb, mobile phone Nokia u basket.

Illi huwa jiddiskrivi minn fejn rikkeb lil dan Zammit u x’ghamel dan Zammit bl-oggetti li kellu f’idejh pero fl-ebda hin ma jghid li huwa irricetta l-oggetti jew kien konpartecipi fir-reat ta’ serq.

**Jonathan Zammit** xehed u spjega kif huwa ftiehem mal-imputat sabiex jisraq gizirana tad-deheb u handbag.  Tant kien minnu spjega x-xhud, li kien hemm ftehim bejniethom li l-imputat saq ghal wara Shara Lee, stennieha kantuniera boghod u huwa mar jisraq l-oggetti u cioe` l-gizirana tad-deheb li kellha m’ghonqa u basket.  Wara li ghamel hekk rega rikeb fil-karozza u qasam l-oggetti mieghu billi huwa ha lil-mobile phone u hmistax il-lira Maltin u l-imputat ha il-gizirana tad-deheb u l-kumplament tal-flus u cioe` xi hdax il-lira Maltin peress illi fil-portmoney kien hemm sitta u ghoxrin lira maltin.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali:</u>**

Kif gie deciz fil-kawza fl-ismijeit **il-Pulizija vs John Said et *deciza nhar it-tnejn ta’ Dicembru, 1998 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali***, il-ligi trid li:

*“Sabiex xhieda ta’ komplici jkollha valur probatorju din per necessita` trid tkun korraborata sufficjentement minn provi indipendenti f’cirkostanzi materjali li jwasslu mhux biss ghall-veracita` tal-verzjoni ta’ dik ix-xhieda fl-aspetti sostanzjali taghha, izda li permezz ta’ din il-*

*korraborazzjoni hija stabbiliet "nexus criminus" bejn din il-verzjoni u l-akkuzat".*

Trid tkun korraborazzjoni li twassal, bla dubju dettat mir-raguni, ghall-konvinciment morali li l-attivita` kriminuza allegata minn dan Jonathan Zammit fix-xhieda tieghu verament giet imwettqa mill-akkuzat. Fin-nuqqas li l-Prosekuzzjoni tasal sa dan il-grad, allura l-kaz kontra l-imputat ma jreggiex.

Fis-sentenza mghotija nhar ***it-tmintax ta' Novembru, 1944 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali*** fl-ismijiet **Rex vs George Bezzina et** gie deciz li:

"*Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat huwa l-komplici fir-reat u x-xhieda tieghu ma tkunx sufficjentement korraborata minn cirkostanzi ohra, dik ix-xhieda taghha ma hix bizzejjed beix twassal ghall-konvinzjoni tal-akkuzat. Il-korraborazzjoni mehtiega ma hijiex fil-konferma b'xhieda indipendenti ta' kull ma jghid il-komplici huwa bizzejjed li jkun hemm xiehda indipendient li tolqot lill-akkuzat u tendenti li tikkonnettieh mad-delitt, jigifieri xhieda diretta jew indizjarja li timplika lill-akkuzat u tikkonferma lill-komplici f'xi partikolarita` importanti illi l-akkuzat ikkommetta d-delitt".*

Id-Difiza ghamlet refernza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tnejn ta' Frar, 1996*** fl-ismijiet **il-Pulizija vs Naser Eshlewi Ben Haj et** u thoss bir-rispett kollu li l-fatti specie ta' dak il-kaz ma japplikawx in toto ghal kaz in esami.

F'dik il-kawza l-Qorti kienet rinfaccjata b'stqarrija ta' ko-akkuzat u mhux xhieda viva voce ta' komplici kif del resto hija din il-Qorti u ghalhekk f'dik is-sentenza kien japplika il-principju ta' dak li jghidu l-imputati fl-istqarrijiet taghhom jghodd biss ghal dak li jkun qed ighid fl-istqarrija u dak li jghid ma jikkostitwiex prova kontra l-imputati l-ohra, u mhux il-principju li xhud ta' komplici trid tkun korraborata u ghalhekk fir-rigward ta' dik is-sentenza il-Qorti ma thossx li ghandha tikkumenta ulterjorment.

Din il-Qorti tirrileva li r-regola dwar il-korraborazzjoni twieldet minhabba l-perikolu li persuna tigi dikjarata hatja fuq xhieda ta' persuna li hi stess kriminali. Ghalhekk dak li hu mehtieg hu xi prova addizzjonali li tirrendi probabbli l-istorja tal-komplici u li jkun ragonevolment "safe" li wiehed joqghod fuqha. Il-ligi ma tirrikjediex illi x-xhieda tal-komplici tkun korroborata minn xhieda ohra, dak li tirrikjedi hu korraborazzjoni minn cirkostanzi ohra. <u>**Ma hemmx bzonn**</u> konferma ndipendenti ta' kull ma jghid il-komplici.

***Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar l-ghoxrin ta' Frar, 1986*** fl-ismijiet **il-Pulizija vs Emanuel Hili et** tghid:

*"This evidence need not be direct evidence, it is sufficient if it is circumstantial evidence. It may be a second witness or documentary evidence, or evidence of some earlier offence or admission of the accused. The corroboration required is independent evidence, which affects the prisoner by connecting him or tending to connect him with the crime. It must confirm not only the evidence that the crime has been omitted but* <u>***also***</u> *that the person committed it".* (vide f'dawn ir-rigward ***Appell Kriminali*** fl-ismijiet **il-Pulizija vs Di *Falco moghti nhar is-sbatax ta' Mejju, 1948*** u **Rex vs Bordin *moghti nhar it-tnejn u ghoxrin ta' Marzu, 1971***).

<u>**Konkluzjoni:**</u>

Illi sabiex il-Qorti tigi ghal kaz in esami mill-provi prodotti jrrizulta li l-vittma ma attribwiet l-ebda dell fuq l-imputat salv li saq minn hdejha zewg minuti qabel l-incident. L-uniku xhud huwa Jonathan Zammit li attribwixxi partecipazzjoni tal-imputat bhala komplici fis-serq. Illi l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova ohra sabiex tikkorrabora din ix-xhieda. Salv li l-imputat ghadda mill-istess triq u kif *ex admissis* ighid l-imputat fl-istqarrija tieghu li huwa jghaddi minn hemm kuljum peress li hija triqtu. (vide stqarrija dokument JM 2).

Il-Qorti ezaminat l-istqarrija tal-imputat biex tara jekk setgha jikkorrobora dak li qal ix-xhud Jonathan Zammit.

Illi kull ma jikkorrobora huwa il-fatt li kien ghaddej mit-triq fejn sehh l-incident u li ra lil Shara Lee qabel. Pero ma jirrisultax li huw ippartecipa fir-reati li gie akkuzat bihom.

Ma jirrisultax illi kien ha xi res furtiva li seraq Zammit jew adirittura li ha sehem fis-serqa. Skond l-istqarrija tieghu huwa ma kienx jaf li Zammit kien ser jikkommetti xi reat ghalkemm il-Qorti mhiex propensa temmen dak li qal l-imputat fl-istqarrija xorta ma thossx li tista issib lill-imputat hati skond il-ligi.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 42 (a)(b)(d)(e), 49, 50, 262(1)(a), 267, 270, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat JEAN CLAUDE CASSAR hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------